Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Mejju 2024**
**(OR. en)**

**16998/23**
**COR 3**

**EF 411**
**ECOFIN 1415**
**DELACT 214**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 27 ta' Mejju 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2024) 3638 final |
| Suġġett: | RETTIFIKA tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) tas-6 ta' Diċembru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw f'liema ċirkostanzi l-kundizzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' gruppi ta' klijenti konnessi huma ssodisfati C (2023) 8289 final |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2024) 3638 final.

---

Mehmuż: C(2024) 3638 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2024
C(2024) 3638 final

# RETTIFIKA

**tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) tas-6 ta' Diċembru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw f'liema ċirkostanzi l-kundizzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' gruppi ta' klijenti konnessi huma ssodisfati**

**C (2023) 8289 final**

**RETTIFIKA**

**tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) tas-6 ta' Diċembru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw f'liema ċirkostanzi l-kundizzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' gruppi ta' klijenti konnessi huma ssodisfati**

**C (2023) 8289 final**

Fil-premessa 7:

*minflok:* "Sabiex titqies il-possibbiltà li l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tista' tipprekludi l-eżistenza ta' riskju wieħed, jenħtieġ li istituzzjoni tkun tista' tippreżenta evidenza adegwata li żewġ persuni fiżiċi jew aktar ma jikkostitwux riskju wieħed, minkejja l-issodisfar tal-kondizzjonijiet biex dawk il-persuni jitqiesu bħala klijenti konnessi. F'dawk il-każijiet, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jidentifikaw lil dawk il-persuni bħala grupp ta' klijenti konnessi.",

*aqra:* "Sabiex titqies il-possibbiltà li l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali tista' tipprekludi l-eżistenza ta' riskju wieħed, jenħtieġ li istituzzjoni tkun tista' tippreżenta evidenza adegwata li żewġ persuni jew aktar fiżiċi jew legali ma jikkostitwux riskju wieħed, minkejja l-issodisfar tal-kondizzjonijiet biex dawk il-persuni jitqiesu bħala klijenti konnessi. F'dawk il-każijiet, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jidentifikaw dawk il-persuni bħala grupp ta' klijenti konnessi.".